MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2012

Rikors Kongunt Numru. 417/2011

Kawza fil-lista: 18

**A B u C B**
**vs**
**X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kongunt li permezz tieghu r-rikorrenti ippremettew u talbu hekk:

Illi l-partijiet izzewwgu fit-12 ta’ Frar 1993 u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifel, Dylan li llum kollha maggorenni**;**

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’ kuntratt redatt minn Nutar Dottor Peter Fleri Soler sa mit-18 ta’ Lulju tas-sena 1995;

Illi m' hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom 16-il snin separati illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi skont il-kuntratt, l-partijiet iddekadew mid-dritt li jmantnu lil xulxin u ma hemmx manteniment ghat-tifel stante li huwa maggorenni u jinsab f' impjieg;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant il-partijiet umilment jitlobu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tawtorizza lill-esponenti mara illi tirriverti ghal kunjomha ta' xebba u cioe' Borg;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiehu l-passi kollha necessarji biex dan id-digriet ta' divorzju jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat l-att tal-kawza;

Semghet il-partijiet bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi dak premess u mitlub jinsab sodisfacentement provat, u ghalhekk it-talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti; tawtorizza lill-esponenti tirriverti ghal kunjom ta' xebbha u cioe' Borg u tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet; u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-decizjoni tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------